



Brussell, 24 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12975/19

ENER 462
FIN 689

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	24 ta' Ottubru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12964/19	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 08/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Enerġija eolika u solari għall-ġenerazzjoni tal-elettriku: jeħtieġ li tittieħed azzjoni sinifikanti jekk iridu jintlaħqu l-miri tal-UE"
	- Konklużjonijiet tal-Kunsill (24 ta' Ottubru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Enerġija eolika u solari għall-ġenerazzjoni tal-elettriku: jeħtieġ li tittieħed azzjoni sinifikanti jekk iridu jintlaħqu l-miri tal-UE", adottati mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur fit-3723 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Ottubru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Enerġija eolika u solari għall-ġenerazzjoni tal-elettriku: jeħtieġ li tittieħed azzjoni sinifikanti jekk iridu jintlaħqu l-miri tal-UE"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIRRINGRAZZJA lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru 08/2019 bit-titolu "Enerġija eolika u solari għall-ġenerazzjoni tal-elettriku: jeħtieġ li tittieħed azzjoni sinifikanti jekk iridu jintlaħqu l-miri tal-UE",
2. JIRRIKONOXXI l-fokus tar-Rapport Speċjali dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jiġifieri l-enerġija mir-riħ u mix-xemx fil-produzzjoni tal-elettriku,
3. IFAKKAR fil-pakkett leġislattiv "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha", li jistabbilixxi l-qafas għall-implimentazzjoni tal-miri enerġetiċi u klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 fir-rigward tat-tnaqqis tal-gass serra, iż-żidiet fl-enerġija rinnovabbli, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika u l-interkonnessjonijiet elettriċi,
4. JIEĦU nota tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali.
